MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru 962/2013

**ILLUM 30 ta’ Settembru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Daryl Borg)
vs

Kamal Abdallah

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 9000212 (A);

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn id-29 ta’ Settembru 2013 u it-30 ta’ Settembru 2013 u gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car permezz ta’ xi arma regolaru jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta’ natura grai fuq il-

persuna ta’ Anthony Attard, jew gablu dizordni f’mohhu u li liema hsara setghet ggib periklu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz u dan skont ma ccertifika Dr Audrey Micallef M.D. (Reg No 5446) mill-Isptar Mater Dei;

2. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr ‘l barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, ta’ liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni, f'liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 216, 41(b), 218, 338(dd) tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 t al-Kap 480.

Tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 338 et seq tal-Kap 9 li ma jimmolestax jew ikellem lill-pati leza ghal zmien sena u taht penali ta' 2300 Euro.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------